MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2013

Numru. 262/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Gaetano Mark Savery**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Gaetano Mark Savery ta’ 34 sena bin Mark Gilbert u Carmen nee’ Spiteri imwieled Kent Ingilterra fit-8 ta’ Settembru 1976 u residenti ‘Anfield Court’ Flt 4 Triq Giovanni Schranz Msida, detentur tal-karta tal-identita’ numru 88396(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’Frar 2011, u fis-snin ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni

wahda, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u cioe' is-somma ta' €293,000 ghad-dannu Adrian Vella Petroni detentur tal-karta tal-identita' numru 492063(M), ai terminu ta' l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' €293,000, ghad-dannu Adrian Vella Petroni detentur tal-karta tal-identita' numru 492063(M), ai termini ta' l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 8 ta' Gunju 2012 (esebita a fol. 678 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
2. Fl-Artikoli 18, 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
3. Fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-28 ta' Settembru 2012, l-imputat iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-7 ta' Novembru 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ghal dak li jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li l-imputat skuza ruhu mal-parti civili ghall-akkadut u spjega li nqabad f'nassa ta' dejn u problemi finanzjarji li geghluh jagixxi b'dan il-mod u kkunsidrat ukoll il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputat qed jinstab hati u l-ammont involut u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva izda fil-minimum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tat-8 ta' Gunju 2012 u senjatament l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(a), 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tlett(3) snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------